# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 15 ta' Frar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  221 / 15RGM

Kawza fil-lista:  14

**A B C**
**vs**
**D E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-28 ta' April 2015 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru seba' mija tas-sena elfejn u hmistax (700/2015).

2. Illi l-esponent hu mill-Eritrea filwaqt li 1-intimata hija mill-Ethopia u r-religjon taghhom huwa ta' Kristjani Ortodossi.

3. Illi qabel ikkuntrattaw dan iz-zwieg l-partijiet kien ilhom jafu biss lil xulxin ghal madwar circa tlett (3) xhur.

4. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u cioe' l-kontendenti qatt ma ghamlu l-att sabiex ikollhom it-tfal.

5.	Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjaibbilnrent u prezentament huma separati de facto.

6.	Illi peress li 1-kontendenti jahdmu hinijiet twal u jkunu iktar ghax-xoghol milli d-dar qatt ma kien hemm hajja ta' mizzewgin bejniethom.

7.	Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb b'qerq dwar kwalita' ta' l-intimata li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

8.	Illi l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmiijiet essenzjali taz-zwieg jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli li ghal dik il-parti li taqdi 1-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' 1-artikolu 19(1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

9.	Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg ai termini ta' 1-artikolu 19(l)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

10.	Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija kellha ssir din il-kawza sabiex iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti jigi dikjarat null.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponent jitlob bir-rispett prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1.	Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ai termini ta' l-artikoli 19(l)(c), 19(1)(d) u 19( 1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.	Tordna li jsiru l-annotazzjonijiet opportuni fl-att taz-zwieg relattiv.

Salv provvedimenti ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1.	Illi l-esponenti taqbel illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, izda l-aggravji msemmija mill-attur huma kollha attribwibbli ghall-istess attur, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

2. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez ghal dawn il-proceduri.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur, minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2015 fejn ordnat illi l-partijiet jixhdu bil-lingwa Ingliza u l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Maltija;

Rat ukoll id-digriet taghha wkoll moghti fl-istess udjenza tad-9 ta' Dicembru 2015 fejn hatret bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Barbara O'Brien;

Semghet il-provi u rat ix-xhieda mressqa;

Rat in-nota ta' sottomissjonijietipprezentata mill-attur bil-lingwa Ingliza fit-28 ta' Novembru 2017 u rat ukoll illi l-konvenuta baqghet ma pprezentat ebda nota ta' sottomissjonijiet responsiva minkejja li giet hekk awtorizzata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jitlob in-nullita` taz-zwieg tieghu mal-konvenuta, li gie kkuntrattat fit-28 ta' April 2015, abbazi ta' l-addebiti msemmija fis-subincizi (c), (d) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta. Da parti taghha, il-konvenuta ghalkemm taqbel illi z-zwieg huwa null, tghid illi ghal din in-nullita` jahti biss l-attur.

**Provi**

***Verzjoni Attrici***

L-attur xehed permezz ta' Affidavit[1] fejn testwalment qal:-

*"Jiena izzewigt fit-28 ta' April 20l5 bir-rit civili u mhux bir-rit religjuz. Jiena nhaddan ir-religjon ta' Kristjan Ortodoss. Jiena sirt naf lil konvenuta fuq ix-xoghol gewwa l-isptar Mater Dei. Qabel izzewigna, konna ilna nafu lil xulxin biss ftit xhur. Dawn il-ftit xhur li konna ilna nafu lil xulxin ma tantx konna niltaqghu u qatt ma kellna relazzjoni sesswali la qabel u l-anqas wara z-zwieg. Qatt ma tkellimna li wara li nizzewgu jkollna t-tfal u meta darba semmejthomlha, hi qaltli li tfal ma rieditx, tant li. qatt ma kellna relazzjoni*

[1] Konfermat bil-gurament fit-12 ta' Jannar 2016 bil-Malti, a fol. 13, b'traduzzjoni fil-lingwa Ingliza pprezentata fis-26 ta' April 2017, a fol. 27.

*sesswali. Meta jiena rajt hekk, jiena tlaqt mid-dar matrimonjali u minn dak iz-zmien sal-lum jien mort nghix ma' hija Asmeron Ayneta Haile. Kulma ghamilt nghix maghha kienu biss ghal xahrejn. Tul iz-zwieg hi qatt ma irrendiet xi servizzi ta' kwalunkwe xorta la hasil ta' hwejjeg u anqas tisjir. Ghalkemm, konna nghixu taht saqaf wiehed, bdejt inhoss li zwieg vera bejnietna ma kienx hemm. Tajjeb li nghid ukoll li wara li konna izzewigna kienet qaltli li kella tfal l-Ethopia, haga li ma kienetx qaltli qabel iz-zwieg u jien hassejt li ma kienetx gusta mieghi qabel iz-zwieg. Ghalhekk, kelli nirikorri sabiex naghmel din il-kawza u nhassar zwieg li qatt ma ezista."*

**L-attur xehed ukoll in kontro-ezami bil-lingwa Ingliza**[2] fejn in succint spjega illi filwaqt li huwa ma kienx jaf illi l-konvenuta kellha tifla gewwa l-Etijopja, huwa lanqas qatt kellu relazzjonijiet sesswali ma' martu. Jghid illi meta sar jaf li l-konvenuta zammet mistur minnu l-fatt li kellha tifla, huwa telaq minn jeddu mid-dar konjugali u mar joqghod ma' habib tieghu. Dan gara wara cirka xahar ta' zwieg. Ifisser ukoll illi matul iz-zmien qasir li l-partijiet kienu jghixu taht l-istess saqaf, huwa kien ihoss illi l-hajja mizzewga bejniethom kienet kompletament nieqsa u ma kienx kuntent li jibqa' ma' martu d-dar u ghalhekk kien jiltaqa' ma' siehbu Asmerol u jirritorna lura d-dar tard bil-lejl. Huwa spjega li hass li martu tradietu ghaliex filwaqt li kienet weghditu illi jghixu ta' koppja mizzewga u jkollhom familja, wara z-zwieg hija rrifjutat illi taghmel l-att taz-zwieg u lanqas riedet thallih imissha. Ghalkemm sostna illi huwa ried jizzewweg lill-konvenuta ghaliex kien ihobbha, qal illi huwa qatt ma ddiskuta mal-konvenuta, qabel iz-zwieg, x'ried miz-zwieg u lanqas qatt tkellmu bejniethom dwar jekk riedux ikollhom tfal u familja.

Kompla jfisser illi fil-kultura taghhom dawn l-affarijiet ma jigux diskussi qabel iz-zwieg, ghalkemm sostna illi huwa ried ikollu tfal miz-zwieg u assuma li hekk kien ser jigri, izda meta pprova jkollu relazzjonijiet sesswali ma' martu wara z-zwieg, hija rrifjutat minghajr ma tatu ebda spjegazzjoni. Jghid illi l-unika decizjoni li l-koppja hadet flimkien kienet li jibdew jghixu flimkien wara z-zwieg, fir-residenza tal-konvenuta.

Xehed ukoll **Asmeron Ayneta Halie** permezz ta' Affidavit[3] ipprezentat fil-21 ta' Novembru 2016 bil-lingwa Ingliza b'traduzzjoni fil-lingwa Maltija. Dan ix-xhud, prodott mill-attur xehed hekk:-

---

[2] Seduta tal-21 ta' Gunju 2017.

[3] A fol. 20 u 21.

*"Illi jien naf Iil A B C minn meta konna zghar u bqajna hbieb sew anke gejna Malta flimkien. Naf Ii wara ftit li gejna hawn Malta A iltaqa' ma tfajia bl-isem ta' D E F u wara ftit tax-xhur izzewgu u filfatt jien kont xhud ta' A B C.*

*"Nghid li meta gieli kont immur ghand A kont narah jahsel il-hwejjeg u jsajjar u gieli anke' rajtu jahsel l-art. Lili A jghidli kollox u niftakar li kien beda jiprejokkupah fiz-zwieg kien il-fatt li l- imsemmija D E F ma kienetx trid li jaghmlu l-att taz-zwieg u li jkollhom x'jaqsmu, din il-haga kienet tiprejokkupah ghax naf li hu xtaq familja u naf ukoll li meta tkellem ma' D li jixtieq familja hi kienet irrisponditu li gia` kellha tfal l-Ethopia u li ma kienetx lesta li jkollha aktar tfal. Dan kien xokk ghal A u hass li dan ma kienx it-tip ta' zwieg li xtaq hu. Meta telaq mid-dar A gie jghix mieghi fl-indirizz fuq imsemmi u ghadu jghix hemm sal-lum."*

***Verzjoni Konvenuta***

**Il-konvenuta D E F ukoll xehdet permezz ta' Affidavit** redatt bil-lingwa Ingliza[4] u kkonfermat bil-gurament is-segwenti:-

"*A and I got married on the 18th* [*recte:* 28th] *April 2015. I am Christian Orthodox, but we had decided to marry only in the civil registry and not at church. The first time I met A we were at Mater Dei Hospital, where I used to work as a cleaner.*

*"Towards the beginning I felt attracted to him, and after knowing each other for only a few months, we chose to get married. I have to state however that during courtship we rarely met, and we never had any sexual relationship.*

*"After we got married, I know that we did discuss the possibility of having children; but I did not want to have children, and in marriage we ended up with no sexual intimacies whatsoever between us. In Ethiopia I had my own children; a fact which I had not disclosed to A before we got married. After a few months, A left the matrimonial home and went to reside with one of his relatives. We spent only a few weeks living together. As long as we were living together, I rarely had time to do the daily chores, because I used to spend a long time at work. It was clear that although we were formally married, we didn't behave like a married couple."*

**L-istess konvenuta xehdet ukoll in kontro-ezami[5] bil-lingwa Ingliza**. Xehdet illi wara z-zwieg gharfet illi l-affarijiet mhux sejrin tajjeb meta l-attur beda jdum

[4] Fol. 23

[5] Seduta tal-25 ta' Ottubru 2017.

barra hafna u jidhol id-dar tard. Qabel iz-zwieg ghamlu cirka sitt xhur jiltaqghu u kienu kuntenti bhala koppja. Ma kienx hemm problemi u riedet tizzewweg lill-attur ghaliex kienet thobbu. Il-konvenuta fissret illi r-religjon taghhom tipprojbixxi lill-koppja jghixu flimkien barra z-zwieg u ghalhekk iddecidew illi jizzewgu wara sitt xhur. Il-konvenuta spjegat ukoll illi kellha problema personali serja li ma kienetx iddiskutietha ma' l-attur qabel izzewgu. Ikkonfermat illi hi ma riditx tfal miz-zwieg u ma riditx lanqas ikollha kuntatt sesswali ma' l-attur wara li zzewgu.

Dwar it-tifla li ghandha gewwa l-Etiopia, il-konvenuta ikkonfermat ulterjorment illi sakemm izzewgu hija ma kinitx qalet lill-attur li kellha din it-tifla u ghalhekk huwa ma kienx jaf qabel iz-zwieg li kellha tfal. Fissret illi hija bezghet li jekk l-attur ikun jaf li kellha din it-tifla, ma jkunx irid jizzewgiha u kien appuntu ghal din ir-raguni li ghazlet li zzomm dan il-fatt mistur. Hi riedet tizzewweg lill-attur u ma kkunsidratx il-konsegwenzi fl-eventwalita` li l-attur kellu jiskopri wara z-zwieg li hi ghandha din it-tifla. Iddeskriviet ir-rejazzjoni ta' zewgha meta qaltlu, waqt argument, bl-ezistenza tat-tifla taghha, bhala wahda ta' xokk qawwi u rabja kbira. Ma riedx ikellimha u telaq mid-dar bla kliem u sliem. Il-konvenuta taqbel illi l-fatt li diga` kellha tifla qabel izzewgitu, ghamel differenza kbira lill-attur.

Kompliet tghid illi wara z-zwieg ma hassithiex kuntenta u ma riditx ikollha kuntatt intimu ma' zewgha izda ma tafx ghaliex. Fissret illi l-problema personali li semmiet qabel, ghalkemm hija indipendenti mit-tifla nnifisha, hija konnessa mat-tifla taghha. Il-Qorti fehmet il-koncepiment u illi t-twelid tat-tifla kien marbut ma' episodju ikrah hafna fil-hajja tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

**L-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, jipprovdi:-
*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

- *omissis* -

*c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajj mizzewga;*

*d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

- *omissis* -

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta, fir-risposta guramentata taghha, qablet li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null izda tikkontendi illi l-addebiti msemmija mill-attur m'humiex imputabbli lilha izda unikament lill-istess attur.

Qabel xejn, in vista li hemm qbil bejn il-partijiet li z-zwieg taghhom huwa null ghalkemm m'hemmx qbil dwar ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li jkun siewi li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet.

**Iz-Zwieg - Istitut ta' Ordni Pubbliku.**

Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li huma mehtiega biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Hija appuntu ghal din ir-raguni illi l-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li telenka b'mod komprensiv u dettaljat ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"[6]

In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[7]:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-*

---

[6] **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 Jannar 2006.

[7] **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987. Ara wkoll l-insenjament maghmul in propositu mill-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza **Anna Tonna vs. Alexander Tonna**, deciza 6 ta' Novembru 1991.

*Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Ghalhekk, f'kull kaz, il-Qorti ghandha tgharbel il-provi u abbazi ta' dawk il-provi migjuba, tqis jekk jirrizultawx ragunijiet cari u serji li huma kontemplati mil-Ligi u li jwassluha ghall-konvinciment li z-zwieg huwa tassew invalidu, u dan irrispettivament mill-amissjoni tal-parti l-ohra li z-zwieg ghandu jigi dikjarat li huwa null.

Ikkunsidrat;

**<u>Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(c), Kapitolu 255</u>**

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajj mizzewga;***

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi sabiex tigi ravvizata n-nullita` ta' zwieg taht dan is-subinciz, jehtieg li jikkonkorru b'mod <u>kumulattiv</u> is-segwenti rekwiziti:-[8]

"*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*

*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*

*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*

*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

In propositu ta' l-element tal-<u>qerq</u>, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierina Micallef vs Bentanfous Amor**[9] il-Qorti analizzat dan il-kriterju fil-qafas partikolari tal-kunsens matrimonjali:-

*"Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt*

---

[8] **Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Marzu 1995.

[9] Prim'Awla, 9 Dicembru 2002.

*ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)) ... "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`" (Vol. XXIV P II p 578)."*

Fil-kawza odjerna l-attur jikkontendi illi l-qerq perpetrat mill-konvenuta jikkonsisti filli zammet mistur minnu l-fatt illi qabel giet Malta u saret taf lill-attur, kellha tifla barra miz-zwieg gewwa l-Etijopja fejn ghadha tghix it-tifla. Ghall-attur l-iskoperta tieghu wara z-zwieg mal-konvenuta li martu kellha tifla qabel iz-zwieg taghhom u ma qaltlux biha kien xokk kbir. Il-konvenuta stess tammetti fix-xhieda taghha quddiem il-qorti illi ma kinitx qaltlu ghaliex kienet tibza li jekk isir jaf ma jizzewwigiex. Ghalkemm il-Qorti tista' tifhem l-imrar li ghaddiet minnu l-konvenuta fil-hajja taghha gewwa l-Etijopja li wassal ghat-twelid ta' tifla, jibqa' l-fatt illi l-agir tal-konvenuta fil-konfront tal-attur meta hbiet minnu l-ezistenza ta' tifla taghha gewwa l-Etijopja, jammonta ghal qerq adoperat mill-konvenuta dwar kwalita' taghha li ghall-attur fixklet ir-relazzjoni matrimonjali taghhom.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et nomine** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, gew hekk elaborati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-*caput nullitatis*:-

*"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*
*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*
*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*
*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*
*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali."*

Meta l-attur resaq ghac-cerimonja taz-zwieg mal-konvenuta, fin-nuqqas ta' xi taghrif jew raguni li kienet tintitolah jissuspetta mod iehor, kien gustifikat jemmen illi l-konvenuta ma kelliex ulied precedentment ghaz-zwieg taghhom. Ghalkemm il-fatt *ut sic* illi l-konvenuta diga` kellha tfal ohrajn qabel iz-zwieg, jista' ma jigix meqjus oggettivament, talanqas fil-kultura Maltija, ta' tant gravita` li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, din il-gravita` trid tigi analizzata mill-perspettiva tal-kultura u religjon tal-partijiet li huma mill-Eritrea u Etiopia rispettivament, u jhaddnu r-religjon Kristjan Ortodoss, kif ukoll mill-ottika soggettiva tal-konjugi li jallega il-qerq.

Certament, f'dan il-kaz, jirrizulta b'mod manifest u konfermat miz-zewg partijiet illi l-fatt li l-konvenuta kellha tifla gewwa l-Etijopja, ma kienx maghruf lill-attur. Il-konvenuta xehdet b'mod konsistenti illi hija intenzjonalment zammet l-ezistenza tat-tifla taghha mistura mill-attur b'mod li huwa ma kellux hjiel dwar din it-tifla sakemm, zmien qasir wara c-celebrazzjoni taz-zwieg, kellhom argument u zvelat kollox. Fissret illi hija riedet tizzewweg lill-attur ghaliex kienet thobbu izda bezghet li jekk l-attur ikun jaf li kellha din it-tifla, ma jkunx irid jizzewwgiha[10]. Kien appuntu ghal din ir-raguni li l-konvenuta tghid li ghazlet xjentement li ma tizvelax l-ezistenza tat-tifla taghha lill-attur.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu ghall-<u>kwalita`</u> ta' l-oggett tal-qerq – ghaliex m'hijiex kull kwalita` tal-konjugi li tikkonfigura fit-termini ta' dan is-subinciz – il-kwalita` trid tkun munita bil-karatteristici li gew imfissrin fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg**[11]**:-**

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.- Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur, Montreal)."**

F'**Marica D'Amato vs Philip D'Amato**[12] gie ulterjorment ritenut illi:-
"*Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra" wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.*"

Il-Qorti tosserva[13] illi m'hemmx prova li qabel iz-zwieg, l-attur staqsa lill-konvenuta jekk diga` kellhiex tfal, u lanqas jirrizulta li l-konvenuta kienet espressament innegat li diga` kellha tfal. Pjuttost jirrizulta illi l-partijiet qatt ma

[10] Kontro-ezami tal-konvenuta, fol. 54.
[11] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Mejju 1995.
[12] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[13] "*After getting married, I want the children. But we didn't speak, I didn't ask her and she didn't ask me.*" – xhieda ta' l-attur a fol. 44.

ddiskutew bejniethom jekk iridux ikollhom tfal o meno, la qabel iz-zwieg u lanqas wara, sakemm il-konvenuta zvelat l-ezistenza tat-tifla taghha lill-attur, zmien qasir wara li kienu zzewgu. Il-Qorti tifhem il-biza' tal-konvenuta li l-attur isir jaf illi hija gia' kellha tifla qabel iltaqghu. Il-Qorti tifhem ukoll illi kienet haga naturali ghall-attur li jassumi li l-konvenuta ma kellhiex tfal barra miz-zwieg gialadarba ma semmietlu xejn. L-ezistenza ta' ulied ma hiex materja li wiehed huwa mistenni li jiprezumi. Aktar u aktar fil-kuntest tal-fattispecie partikolarli ta' dan il-kaz..

Jidher li hemm raguni ohra li zammet lill-konvenuta milli tikxef is-sigret taghha lill-attur. Il-Qorti semghet ix-xhieda viva voce tal-konvenuta u tifhem illi din ir-raguni hija marbuta mac-cirkostanzi li fihom giet koncepita t-tifla taghha. Mill-assjem tat-testimonjanza tal-konvenuta, li l-Qorti issib veritiera, huwa evidenti illi l-eiposodji gewwa pajjizha qabel giet Malta jistghu jigu deskritti bhala trawmatici fuq il-konvenuta li mmankabilment kellhom konsegwenza gravi ohra fuq il-konvenuta li mmanifestat ruhha filli l-konvenuta irrifjutat li titrattjeni relazzjonijiet intimi ma' zewgha sa mill-ewwel jum tal-hajja mizzewga taghhom. Jidher ghalhekk illi r-raguni ghaliex il-konvenuta naqset milli tavza lill-attur bl-ezistenza ta' tifla qabel iz-zwieg u c-cirkostanzi li fihom giet konceputa dik it-tifla, waslu lill-konvenuta li tirrifjuta hajja intima ma' zewgha sa mill-ewwel jum tal-hajja mizzewga. Iz-zewg partijiet eskludew enfatikament illi qatt sar l-att taz-zwieg bejniethom. Jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-konvenuta mhux talli ma kinitx thossha komda li jkollha kuntatt intimu ma' zewgha, talli lanqas rieditu jmissha. Dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat sew mix-xhieda tal-konvenuta[14] kif ukoll mit-testimonjanza ta' l-attur.[15]

Ikkunsidrat;

**Zwieg Mhux Kunsmat**.

Il-Qorti tirrileva illi m'hemmx fil-kawzali tal-kawza odjerna referenza ghall-Artikolu 19A tal-Kap. 255. Jirrizulta illi l-fatt li gie sodisfacentement ippruvat illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma giex ikkunsmat, kien japplika wkoll ghal dan il-kaz l-Artikolu 19A tal-Kap 255 li jipprovdi kif gej:

**Artikolu 19A.**

*(1)Żwieġ validu jista' jiġi annullat fuq talba ta' parti miżżewġa waħda minħabba li l-parti l-oħra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess żwieġ.*

[14] Fol. 53.

[15] Fol. 45.

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(2) għandhom japplikaw f'każ għall-annullament ta' żwieġ imsemmi fis-subartikolu (1) kif japplikaw għal azzjoni għall-annullament ta' żwieġ kif imsemmi f'dak l-artikolu.*

*(3) Azzjoni għall-annullament ta' żwieġ taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi istitwita qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieg.*

Madanakollu, il-Qorti m'hijiex sejra tiehu konjizzjoni ta' tali *caput nullitatis* fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar it-talba ghan-nullita`, u dan billi l-imsemmi Artikolu 19A m'huwiex fost il-kawzali msemmija fit-talba attrici bhala wahda mir-ragunijiet ghan-nullita` taz-zwieg fir-rikors guramentatipprezentat mill-attur. In tema legali jinsab ritenut li hemm l-*extra petita* meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur aktar 'l hinn mid-domanda jew azzjoni avvanzata[16], u l-Qorti tqis li tkun qed taggudika *extra petita* jekk issib li z-zwieg huwa null abbazi ta' l-Artikolu 19A.

Ikkunsidrat;

Illi kienet x'kienet ir-raguni ghaliex il-konvenuta ma kixfitx it-twelid u l-ezistenza tat-tifla taghha u c-cirkostanzi tal-koncepiment lill-attur qabel izzewgu, u irrispettivament ukoll mill-fatt illi l-attur ma fissirx espressament ix-xewqa tieghu illi miz-zwieg mal-konvenuta huwa ried jibni familja bl-ulied, il-fatt li qabel izzewget lill-attur il-konvenuta kienet deciza li ma jkolliex relazzjonijiet intimi mieghu u li ma jkolliex tfal minnu, jammonta ghal agir frawdolenti mill-konvenuta fil-konfront tal-attur fit-termoini tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255.

Jirrizulta wkoll illi din il-kwalita` tal-konvenuta, cioe` li ghandha tifla gewwa l-Etiopia koncepita barra miz-zwieg, filwaqt li hija inerenti ghall-konvenuta u kienet tezisti qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg, hija wkoll kwalita` gravi, sew b'mod oggettiv kif gia` imfisser, sewwasew ghall-attur soggettivament[17]. L-attur kien pjenament gustifikat fic-cirkostanzi illi jistenna li l-konvenuta tgharrfu qabel izzewgitu li diga` kienet omm u kellha tifla barra miz-zwieg.

Ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-konvenuta fir-rigward tad-diffikultajiet kbar li ghaddiet minnhom f'pajjizha, fl-istess hin qed tiddeciedi illi ir-reazzjoni tal-attur meta skopra li martu kellha tifla qabel iz-zwieg hija altru milli gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.. In retroxxena, huwa manifest illi din il-

---

[16] Appell Superjuri ***Prof. Joseph Galea v. Dr.Antonio Bonnici***, deciza 6 Novembru 1961
[17] The Court: "*So this made a difference to him whether you had a child before or not?*" Witness: "*Yes.*" – kontro-ezami tal-konvenuta a fol. 58 [seduta tal-25 ta' Ottubru 2017].

kwalita` tal-konvenuta ma setghetx ma kienetx hlief wahda gravi u determinanti ghall-attur, tabilhaqq ghaliex l-iskoperta taghha holoq krizi li wassal kwazi immedjatament ghall-krollament totali taz-zwieg.

Huwa relevanti dak li xehdet il-konvenuta in kontro-ezami[18] meta mistoqsija dwar ir-rejazzjoni ta' l-attur meta qaltlu bit-tifla taghha:-

Court: *What was his reaction?*
Witness: *Oh my God ... He go outside, he did not come back home till three or four days. When I call back. No answer. The problem is come big. I say why when I talk to him he did not give me to answer. He did not want to talk to me.*
*The Court: Because he was very angry.*
*Witness: Yes.*

Ikkunsidrat;

Illi fermi l-kunsiderazzjonijiet kollha fuq rapportati, il-Qorti tqis illi gie sodisfacjentement ippruvat illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenuta a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 19(1)(c) tal-Kap. 255.

Finalment, in vista tal-fatt illi z-zwieg qed jigi dikjarat li huwa null a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(c), il-Qorti tqis illi ma hemmx htiega li jigi investigat ulterjorment jekk iz-zwieg jista' jkun null ukoll ghall-finijiet ta' l-Artikoli ohra citati mill-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-28 ta' April 2015 huwa null u bla effett ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

---

[18] Fol. 56 u 57.